MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 2021/2003

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**David Zahra Vanoise**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Ottubru 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannata ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u tlieta u ghoxrin lira Maltin u sebgha u tmenin centezmu (Lm223.87) rapprezentanti hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta' attrici lill-konvenut in konnessjoni mal-*mobile phone* bin-numru 99425838.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru prezentat kontestwalment u bl-interessi kontra l-konvenut

mid-data meta l-ammont pretiz f'din it-talba kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u tlieta u ghoxrin lira Maltin u sebgha u tmenin centezmu (Lm223.87), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru prezentat kontestwalment ma' l-Avviz, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------